**28 ta' Novembru, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Silvio Mifsud *et*

*versus*

Claude Azzopardi

**Sfilz ta' Xiehda Minn Xhud Mhux Iddikjarat**

*Il-Qorti għandha l-fakoltà li tordna jew tippermetti s-smigħ ta' kull xhud, iddikjarat jew le, li fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha li jkun relevanti u meħtieġ għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża u fl-aħjar interessi tal-ġustizzja.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi konvenut Claude Azzopardi li permezz tiegħu appella mid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Mejju, 1983, u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-imsemmi digriet u b'hekk tordna l-isfilz tax-xiehda ta' Paul Savona;

Rat ir-risposta ta' l-atturi *nomine* li talbu lil din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Mejju, 1983, li permezz tiegħu il-konvenut, permezz tad-difensur tiegħu, talab l-isfilz tax-xiehda ta' l-imsemmi Paul Savona, u d-digriet relattiv ta' l-istess data ta' l-4 ta' Mejju, 1983, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba;

Rat l-atti kollha relevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-atti tal-proċess (fol. 20) għas-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 1983, kienu preżenti l-attur assistit mid-difensur tiegħu u d-difensur tal-konvenut;

Waqt din is-seduta ġiet mismugħa x-xhieda ta' l-attur,

b'riserva għall-kontro-eżami, u bdiet tinstema' x-xiehda ta' Paul Savona, prodott mill-attur, bla ma ġiet irreġistrata l-ebda opposizzjoni għas-smigħ ta' dan ix-xhud;

Fil-kors tax-xiehda ta' l-imsemmi Paul Savona, imbagħad, id-difensur tal-konvenut oġġezzjona għad-domanda li saret lix-xhud mid-difensur ta' l-atturi, u l-Qorti ordnat li d-domanda setgħet issir;

Kien appuntu wara li l-Qorti ammettiet dik id-domanda lix-xhud li d-difensur tal-konvenut talab l-isfilz tax-xiehda ta' l-istess xhud;

Kif jidher mir-rikors tiegħu ta' l-appell, il-konvenut qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għall-isfilz tax-xhieda *msemmija fuq l-assunzjoni li* dan ix-xhud ma kienx iddikjarat mill-atturi fit-termini ta' l-artikolu 155 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid li x-xhieda għandhom jiġu ndikati f'isimhom mentri l-atturi indikawhom ġenerikament bil-kliem "impjegati kollha ta' l-attur *nomine*";

Jidher, għalhekk, mill-premess li l-oġġezzjoni tal-konvenut kienet għad-domanda li saret lix-xhud u mhux għas-smigħ tax-xhud, u t-talba tiegħu għall-isfilz tax-xiehda ma kinitx ħlief ir-reazzjoni tiegħu għall-fatt li l-Qorti ammettiet id-domanda;

*Il-vera kwistjoni*, għalhekk, mhijiex jekk l-imsemmi Paul Savona kienx regolarment iddikjarat bħala xhud mill-attur, il-għaliex, iddikjarat jew mhux iddikjarat, l-Ewwel Qorti ammettietu biex jixhed u ssusegwentement ċaħdet it-talba għall-isfilz tax-xiehda tiegħu; u m'hemmx dubbju li l-Qorti għandha l-fakoltà li tordna jew tippermetti s-smigħ ta' kull xhud - iddikjarat jew le - li *fid-diskrezzjoni* tagħha jidhrilha li jkun

relevanti u meħtieġ għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża u fl-aħjar interessi tal-ġustizzja;

Din il-fakoltà tal-Qorti ġiet rikonoxxuta f'diversi okkażjonijiet fil-ġurisprudenza tagħna, fosthom fil-kawża **Portelli** ***vs*** **Mifsud** (Imħallef Prof. E. Ganado) deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' Jannar, 1936 (Vol. XXIX.III.216) fejn dik il-Qorti ordnat li jinstema' xhud bir-rogatorji, avolja l-parti ma kellhiex dritt tinsisti għal din il-prova, u in sostenn tad-deċiżjoni tagħha ċċitat il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torino, li qalet: "*è in facoltà del giudice di ordinare una più ampia istruzione e la produzione di nuove prove, quando riscontri dagli atti che maggiori prove si possono ancora presentare nell'interesse della giustizia e della verità*";

Kien fid-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti għalhekk, li tisma' jew ma tismax lix-xhud Paul Savona, u f'dak li jiġri wara r-regolament tal-provi, in konformità mal-ġurisprudenza kostanti in materja, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Qorti ħlief għal raġuni serja meta jidhrilha li dik id-diskrezzjoni ma ġietx użata sewwa (Vol. XLIII.I.464) - u dan ma jistax jingħad li hu l-każ fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kawża;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant, tikkonferma d-digriet appellat u tordna li l-atti jiġi rinvjati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.